L-Awtorità tax-Xandir
MALTA
Broadcasting Authority

# Dokument ta' Konsultazzjoni

**Ħtiġijiet dwar l-Ilbies u Prattiċi Tajbin dwar l-Iġjene, is-Saħħa u s-Sigurtà waqt Programmi Televiżivi ta' Tisjir, inkluż ir-Reklamar**

## Introduzzjoni

Illum il-ġurnata jixxandru diversi tipi ta' programmi televiżivi li jittrattaw it-tisjir. Filwaqt li programmi li jittrattaw esklussivament it-tisjir għadhom jeżistu, hemm uħud li, minkejja li l-parti l-kbira tagħhom tikkonsisti f'tisjir, ikollhom ukoll irkejjen oħra. Hemm ukoll programmi li f'parti żgħira biss minnhom ikun hemm it-tisjir. Uħud minn dawn il-programmi jixxandru ta' kuljum u oħrajn jixxandru darba jew diversi drabi fil-ġimgħa.

Fenomenu li jidher li qed iseħħ b'iktar frekwenza huwa dak fejn it-tisjir isir mhux minn nies professjonali, iżda minn dawk li jistgħu jissejħu dilettanti jew sempliċement ikunu qed jitgħallmu jew jesperimentaw huma stess fit-tisjir. Hemm ukoll każijiet fejn it-tisjir qed isir mill-preżentaturi nnifishom bħala parti minn rokna tal-programm.

Minkejja li jistgħu jeżistu differenzi fil-format, fil-kontenut u fil-preżentazzjoni tal-programmi kollha li ssemmew hawn fuq, meta jkun hemm it-tisjir xorta huwa importanti li dawk li se jkollhom kuntatt mal-ikel isegwu r-regolamenti bażiċi dwar l-iġjene u s-sigurtà.

F'dawn l-aħħar xhur l-Awtorità tax-Xandir ħatret Kumitat magħmul minn nies esperti f'dan il-qasam sabiex iħejju abbozz ta' regolamenti li stazzjonijiet televiżivi għandhom isegwu meta jkunu qed ixandru programmi jew irkejjen fi programmi li jinvolvu t-tisjir.

Il-Kumitat ħejja numru ta' ħtiġijiet li l-preżentaturi ta' dawn it-tipi ta' programmi għandhom isegwu sabiex, mhux biss jiġu rispettati l-istandards bażiċi tal-iġjene fl-ikel, imma ukoll jingħata eżempju tajjeb lit-telespettaturi li jsegwu dawn il-programmi u li ħafna drabi jirrepetu dak li jaraw waqt il-programm fid-djar tagħhom.

Dawn il-ħtiġijiet huma inklużi fl-abbozz tal-Avviż Legali mehmuż ma' dan id-dokument u kif isir dejjem, l-Awtorità qed tniedi dan il-proċess ta' konsultazzjoni sabiex dawk li jaħdmu fl-industrija jew li b'xi mod għandhom interess f'dan il-qasam, jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom.

Il-proċess ta' konsultazzjoni se jibqa' miftuħ **sa nhar il-Ġimgħa 27 ta' Frar 2015**. Kummenti u osservazzjonijiet iridu jintbagħtu bil-miktub jew permezz tal-*e-mail*: info.ba@ba.org.mt jew inkella indirizzati lil:

Kap Eżekuttiv
L-Awtorità tax-Xandir
7, Triq Mile End
Il-Ħamrun HMR1719

## Regolamentazzjoni tal-qasam

Preżentement ma teżistix leġiżlazzjoni sussidjarja taħt l-Att dwar ix-Xandir li tirregola dan is-settur. Matul is-snin, l-Awtorità tax-Xandir kienet introduċiet linji gwida dwar dan il-qasam. Fiċ-ċirkulari 31/05 kienet diġà nnutat li waqt programmi tal-ikel mhux dejjem kienu qed jinżammu l-istandards bażiċi tal-iġjene u kienet saħqet li dawn l-istandards għandhom jiġu osservati. Sussegwentement fiċ-ċirkulari 43/08 kien ġie osservat li l-istess nuqqasijiet kienu għadhom qed jippreżentaw ruħhom. Fiż-żewġ okkażjonijiet l-Awtorità rrimarkat fuq l-importanza li jinżammu dawn l-istandards biex min ikun qed jara programmi tal-ikel isir konxju tal-ħtieġa li jżomm mar-regoli tal-iġjene u tas-saħħa fil-preparazzjoni tal-ikel u li jkollu l-apparat bażiku sanitarju meħtieġ.

Bħala leġiżlazzjoni f'kuntest Ewropew ta' min jinnota li r-Regolament Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-UE dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel (2004) li għandu bħala għan ewlieni tiegħu li jassigura livell għoli tal-protezzjoni tal-konsumatur f'dak li jirrigwardja s-sigurtà tal-ikel jgħid li:

'*iġjene tal-ikel... tfisser il-miżuri u l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-kontroll tal-perikoli u sabiex jassiguraw il-bontà għall-konsum uman tal-oġġetti tal-ikel billi jkun meqjus l-użu intiż tagħhom.*'

Bħala leġislazzjoni lokali, wieħed jista' jirreferi wkoll għall-Att Dwar is-Sigurtà fl-ikel (Att XIV), 2002 li jipprovdi dwar kull ħaġa li għandha x'taqsam mas-sigurtà fl-ikel.

## Is-sitwazzjoni preżenti

L-iġjene fil-kċina hija vitali fil-preparazzjoni ta' ikel tajjeb. Meta wieħed jaħdem fil-kċina mingħajr iġjene personali, ikun qed iżid il-probabbiltà li jikkontamina l-ikel li jkun qed jipprepara bil-batteri li wieħed jista' jkollu ma' jdejh jew ma' persuntu. Għalhekk, meta jiġi ppreparat l-ikel fuq it-televiżjoni huwa importanti li jingħata eżempju tajjeb lit-telespettaturi biex fl-istess ħin ikun qed jeduka t-telespettaturi. Dan jirrikjedi nies professjonisti u esperti fit-tisjir li jimxu fuq il-proċeduri tal-preparamenti tal-ikel u jassiguraw li jżommu l-iġjene. Għalhekk huwa importanti wkoll li tingħad eżatt il-professjoni ta' min ikun qed isajjar jew min ikun mistieden fil-programm. Meta espert fit-tisjir jiġi mistieden fi programm huwa ferm aktar

importanti li wieħed juża l-aktar iġjene possibbli sabiex jgħallem u jagħti eżempju tajjeb lit-telespettaturi tad-dar kif ukoll jippromwovi l-iġjene li fl-aħħar mill-aħħar tagħmel tajjeb għas-saħħa ta' kulħadd.

B'mod ġenerali ġie nnutat li l-preżentazzjoni u l-kontribuzzjoni fit-tisjir min-naħa ta' nies li normalment mhux assoċjati ma' dan il-qasam żdiedu. Qed jidhru preżentaturi li normalment ġejjin minn oqsma oħra u aktarx li jkunu diġà relattivament popolari. Dan ma jeskludix li jista' jkollhom xi tip ta' għarfien fil-qasam tat-tisjir u bla dubju li dan jista' jattira iktar telespettaturi lejn il-programm. Ir-riskju hawnhekk huwa li l-preżentatur ma jkunx jaf ċerti regoli bażiċi, mhux biss dwar l-iġjene, iżda anki dwar l-aspett nutrizzjonali tal-ikel. Spiss ġew innutati kummenti dwar proprjetajiet nutrittivi fl-ikel li huma ħżiena u riżultat ta' *misconceptions* popolari li xi ħadd kompetenti fil-qasam suppost ikun infurmat bihom u jista' jieħu l-opportunità li juża dawn l-irkejjen biex jeduka lin-nies fuqhom.

Fost il-prattiċi ħżiena li ġew innutati waqt it-tisjir insibu:

- Il-persuna li qed issajjar ma tkunx liebsa lbies addattat.
- Min ikun qed isajjar ikun liebes ġojjelli bħal ċrieket, arloġġi, u brazzuletti.
- Min ikun qed isajjar imiss xagħru u wiċċu waqt il-preparazzjoni tal-ikel.
- Min ikun qed isajjar ma jkollux biżżejjed għodda u/jew l-għodda li tintuża ma tinħasilx sew bl-ilma sħun u sapun.
- Il-persuna li tipprepara l-ikel ma tagħmilx użu minn *cutting boards* differenti biex tevita l-possibiltà ta' kontaminazzjoni tal-ikel.

**Kwistjonijiet oħra marbuta ma' dan il-qasam**

Peress li dan huwa dokument ta' konsultazzjoni, l- Awtorità tax-Xandir trid tieħu l-opportunità biex tiġbed l-attenzjoni tax-xandara dwar oqsma oħra li jridu jiġu indirizzati f'dawn it-tipi ta' programmi u li diġà hemm provedimenti għalihom fl-Att Dwar ix-Xandir.

**Użu tal-lingwa**

L-Awtorità tax-Xandir kienet ħarġet ċirkulari 6/11 li tittratta l-użu tajjeb tal-ilsien Malti fejn saħqet fuq l-importanza li l-ilsien Malti jintuża tajjeb fil-mezzi tax-xandir. Kien hemm referenza għall-Kodiċi Dwar l-Użu Tajjeb tal-Ilsien Malti fil-Mezzi tax-Xandir u ntalab biex ikun hemm sforz ġenwin mill-istazzjonijiet tar-radju u t-televiżjoni sabiex kemm jista' jkun ix-xandara jużaw Malti tajjeb. Sussegwentement f'ċirkulari 03/14 l-Awtorità tax-Xandir reġgħat saħqet fuq ir-responsabbiltà ta' kull stazzjon li juża Malti tajjeb u jsegwi r-regoli u d-direttivi maħruġa mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti.

Minn dak iż-żmien, l- Awtorità tax-Xandir ħadmet fuq abbozz ġdid ta' Regolamenti Dwar l-Użu Tajjeb tal-Ilsien Malti fuq il-Mezzi tax-Xandir, liema Avviż Legali għad irid jiġi ppublikat.

Minkejja li wieħed ma jistax jitkellem fuq xejriet ġenerali f'dan l-aspett ġie nnutat li kien hemm preżentaturi li għamlu sforz biex prodotti u ingredjenti jiġu maqluba sewwa bil-Malti. Madankollu għadu jiġi nnutat li meta l-ingredjenti ta' xi riċetta jiġu mogħtija permezz ta' *slide* jew *scroll,* xorta waħda, f'ħafna mill-każijiet, dawn qed jiġu mniżżla bl-Ingliż biss. Rakkomandazzjoni oħra li tista' tiżdied mal-Ħtiġijiet li ssuġġerixxa l-kumitat mqabbad mill-Awtorità tax-Xandir tista' tkun li jekk jissemmew jew jidhru l-ingredienti fuq l-iskrin dawn ikunu kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż.

Bħala terminoloġija speċifika jinħass li għad hemm konfużjoni rigward il-forom ta' kliem li wieħed għandu juża. Wieħed jifhem li jista' jagħti l-każ li jkun hemm kliem tekniku li mhux faċli li wieħed isib traduzzjoni għalih, madankollu kliem bħal 'iggrajndjajt', 'tiffrajja', 'tiddrajja' u 'tipplejtja' jistgħu faċilment jiġu evitati billi jinstabu alternattivi adegwati bil-Malti minkejja li forsi m'għadhomx jintużaw daqshekk. Hawnhekk wieħed jissuġġerixxi li l-preżentaturi jżommu ruħhom aġġornati mal-aħħar regolamenti.

**Tqegħid tal-prodott**

Minkejja li fil-programmi televiżivi ta' tisjir u rkejjen ta' tisjir huwa permess li jsir tqegħid tal-prodott ġie nnutat li qed ikun hemm okkażjonijiet fejn prodotti li jkunu qed jintużaw għat-tisjir jiġu esposti b'mod eżaġerat kemm viżwalment (fejn ikun hemm iffukar fit-tul ta' tali prodotti) kif ukoll bil-fomm (fejn il-preżentaturi jagħmlu promozzjoni żejda billi jsemmu l-karatteristiċi

u jfaħħru l-prodotti inkwistjoni). L-Awtorità tax-Xandir ikkomunikat diversi ċirkolari dwar dan l-aspett bl-aħħar tnejn ikunu 16/14 u 01/15 li jisħqu fuq l-importanza li x-xandara ma jiksrux il-provedimenti marbuta mat-tqegħid tal-prodott.

**Avviż Legali (*abbozz*)**

**Ħtiġijiet dwar l-Ilbies u Prattiċi Tajbin dwar l-Iġjene, is-Saħħa u s-Sigurtà waqt Programmi Televiżivi ta' Tisjir, inkluż ir-Reklamar (ABBOZZ)**

***Dawn il-Ħtiġijiet japplikaw għal kull programm televiżiv lokali, kif ukoll telebejgħ u reklamar fejn jidher it-tisjir.***

- Min qed isajjar għandu jimxi mar-regoli tal-iġjene tal-ikel kif ukoll ma' dawk dwar is-saħħa u s-sigurtà.
- *Chef* professjonali jrid ikun liebes ħwejjeġ nodfa u addattati ta' *Chef*. Dan jinkludi xagħar miġbud u mgħotti b'kappell, ġakketta bi kmiem twal, preferibbilment bajda. Iridu jilbsu qalziet ta' *Chef*, fardal u skarf (*neck tie)*. Kull min qed isajjar jew jipprepara l-ikel u ma jaqax taħt il-kategorija ta' *Chef* professjonali jrid jilbes ħwejjeġ protettivi bħal fardal (*bib apron)* u jkollu xagħru miġbud.
- Kull persuna li qed issajjar ma tistax tagħmel dan ix-xogħol liebsa ċrieket, arloġġi, u brazzuletti. Id-dwiefer iridu jinżammu nodfa, qosra u mingħajr kulur u kimika. L-idejn ma jridux ikunu kkontaminati, lanqas, pereżempju, billi wieħed imiss xagħru waqt il-preparazzjoni tal-ikel.
- Kull kċina jew post li qed jintuża fi programmi televiżivi ta' tisjir għandha/għandu tkun/jkun mgħammra/mgħammar b'faċilitajiet għall-ħasil tal-idejn u bis-servizz tal-ilma. L-ixxuttar tal-idejn għandu jkun permezz ta' xugaman tal-karti.
- Min jipprepara l-ikel għandu jevita kull riskju ta' kontaminazzjoni mill-ikel (*cross contamination)*.
- Min qed isajjar jew jipprepara l-ikel għandu jiżgura li jkollu biżżejjed għodda u jekk se tintuża l-istess għodda, din għandha tinħasel sew.
- Il-persuna li qed tipprepara l-ikel għandha tagħmel użu minn ċiknaturi (*cutting boards*) differenti biex tevita l-possibbiltà ta' kontaminazzjoni mill-ikel. Fil-każ li jintuża ċiknatur wieħed, dan għandu jinħasel bejn proċess u ieħor. Dan il-messaġġ għandu jasal għand it-telespettaturi viżwalment jew verbalment.

- Il-persuna li qed tipprepara u tippreżenta l-ikel fil-platt għandha tuża l-għodda neċessarja biex l-ikel ma jintmissx bl-idejn.
- Kull kċina għandha tkun provduta b'*fire blanket* u *fire extinguisher* u kemm jista' jkun il-persuna li qed tipprepara l-ikel għandha tieħu l-opportunità li ssemmihom.
- Attenzjoni partikolari għandha tingħata biex ma jitferrax alkoħol dirett minn flixkun għal ġot-taġen jew kontenitur ieħor waqt it-tisjir.
- Meta jintuża l-forn għandhom jiġu wżati bċejjeċ (*oven cloths)* jew ingwanti apposta għall-protezzjoni tal-idejn.
- Mhux permissibbli l-preżenza ta' annimali waqt programmi fejn qed isir it-tisjir.